PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2007/0182(CNS)

19.10.2007

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ir-rijammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni
(COM(2007)0504 – C6-0340/2007 – 2007/0182(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Marian-Jean Marinescu

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	**I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, minbarra fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat ta' l-UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(Dan it-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva***. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ir-rijammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni
(COM(2007)0504 – C6-0340/2007 – 2007/0182(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0504)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 63(3)(b) u 300(2), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0340/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0000/2007),

1. Japprova l-konklużjoni tal-Ftehima;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Moldova.

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-kuntest ġenerali

In-negozjati mar-Repubblika tal-Moldova dwar it-tħaffif tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra u dwar ir-rijammissjoni tmexxew mill-Kummissjoni bejn id-9 ta' Frar 2007 u s-17 ta' April 2007, wara li ngħatat l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill. Il-ftehimiet kienu ffirmati fl-10 ta' Ottubru 2007, u issa l-Parlament ġie kkonsultat dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' dawn iż-żewġ ftehimiet. Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u r-rapporteur tiegħu, konxji mill-importanza tad-dħul fis-seħħ f'Jannar 2008, ftiehmu li jaħdmu b'rata aktar mgħaġġla, sabiex ikun evitat dewmien u sabiex il-ftehimiet ikunu jistgħu jiġu konklużi f'Novembru 2007.

Ir-Repubblika tal-Moldova diġà kkonkludiet ħafna ftehimiet bilaterali ta' rijammissjoni mar-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, ir-Rumanija, l-Italja, il-Litwanja, in-Norveġja, il-Polonja, l-Iżvizzera, l-Ukrajna, eċċ.

Id-dispożizzjonijiet tal-ftehima bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova jieħdu preċedenza fuq kwalunkwe wieħed minn dawn il-ftehimiet bilaterali, fil-każ li d-dispożizzjonijiet ta' dawn ta' l-aħħar ma jkunux kompatibbli mal-ftehima bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova.

Kontenut tal-ftehima

L-għan tal-ftehima huwa li jitwaqqfu proċeduri mgħaġġla u effettivi għall-identifikazzjoni u r-ritorn sikur u ordinat ta' persuni li ma jissodisfawx, jew m'għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, il-preżenza, jew ir-residenza fit-territorji tal-Moldova jew f'wieħed mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, u li jkun iffaċilitat it-tranżitu ta' dawn il-persuni.

L-obbligi ta' rijammissjoni stipulati fil-Ftehima tfasslu b'mod reċiproku għalkollox: ir-Repubblika tal-Moldova jkollha terġa' ddaħħal in-nies iżda l-Istati Membri ta' l-UE wkoll ikollhom jerġgħu jdaħħlu n-nies mir-Repubblika tal-Moldova.

Rijammissjoni taċ-ċittadini proprji
Il-Moldova u l-Istati Membri għandhom jerġgħu jdaħħlu l-persuni kollha li ma jissodisfawx, jew li m'għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet fis-seħħ għad-dħul jew għall-preżenza fit-territorju ta' l-Istat Membru li jagħmel it-Talba.

L-obbligu ta' rijammissjoni taċ-ċittadini proprji jinkludi wkoll:

- liċ-ċittadini proprji li ġew miċħuda jew li rrinunzjaw għan-nazzjonalità tagħhom mingħajr ma ħadu n-nazzjonalità ta' Stat ieħor;
- lill-membri tal-familja (jiġifieri l-konjuġi u l-ulied mhux miżżewġa li għadhom minorenni) li għandhom nazzjonalità differenti minn dik tal-persuna li se tiġi rijammessa u li m'għandhomx dritt indipendenti ta' residenza fl-Istat li jagħmel it-Talba.

Rijammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' persuni mingħajr stat
L-obbligu li jiġu rijammessi ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat huwa marbut mal-prerekwiżiti li ġejjin: (a) il-persuna kkonċernata jkollha jew kellha fiż-żmien tad-dħul, viża valida jew permess tar-residenza validu maħruġ mill-Istat Mitlub, jew (b) il-persuna kkonċernata tkun daħlet illegalment u direttament fit-territorju ta' l-Istat li jagħmel it-Talba wara li tkun waqfet fit-territorju ta' l-Istat Mitlub jew tkun għaddiet minnu. Il-persuni fi tranżitu li jkunu qed jivvjaġġaw bl-ajru u l-persuni kollha li għalihom l-Istat li jagħmel it-Talba jkun ħareġ viża jew awtorizzazzjoni ta' residenza qabel jew wara d-dħul fit-territorju tiegħu huma eżenti minn dawn l-obbligi.

Il-ftehima toħloq proċedura aċċelerata, li tikkonċerna persuni mwaqqfa fir-"reġjun tal-fruntiera". i.e. f'zona li testendi sa 30 kilometru mill-frunitera komuni bejn Stat Membru u r-Repubblika tal-Moldova jew fit-territorji ta' l-ajruporti internazzjonali ta' l-Istati Membri jew tar-Repubblika tal-Moldova.

Skond il-proċedura aċċelerata, it-talbiet għar-rijammissjoni għandhom jitressqu, u t-tweġibiet għandhom jingħataw, fi żmien jumejn tax-xogħol filwaqt li skond il-proċedura normali, il-limitu ta' żmien għat-tweġibiet huwa ta' 11-il jum tax-xogħol.

Il-ftehima hija bla ħsara għad-drittijiet, l-obbligi u r-responsabiltajiet tal-Komunità, l-Istati Membri u l-Moldova skond il-Liġi Internazzjonali u, b'mod partikolari, skond:
– il-Konvenzjoni tat-28 ta' Lulju 1951 dwar l-Istatus tar-Refuġjati kif emendata bil-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-Istatus tar-Refuġjati;
– il-konvenzjonijiet internazzjonali li jindikaw l-Istat responsabbli għall-evalwazzjoni tat-talbiet għall-kenn;
– il-Konvenzjoni Ewropea ta' l-4 ta' Novembru 1950 għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali;
– il-Konvenzjoni ta' l-10 ta' Diċembru 1984 kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni oħra Krudili, Inumani jew Degradanti;
– konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-estradizzjoni u t-tranżitu;
– konvenzjonijiet internazzjonali multilaterali u ftehimiet dwar ir-rijammissjoni ta' ċittadini barranin.

Osservazzjonijiet mir-rapporteur

Ir-rapporteur ifakkar il-ħtieġa ta' regoli ċari, trasparenti u ġusti dwar ir-rijammissjoni, filwaqt li jitqies għalkollox ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għal-liġi internazzjonali u għall-ħarsien ta' min ifittex il-kenn u tar-refuġjati.

Iqis li l-konklużjoni ta' ftehimiet ta' rijammissjoni hija parti mill-istrateġija usa' tal-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin, fi sħubija vera mal-pajjiżi ta' l-oriġini u tat-tranżitu. Din l-isħubija għandha tittratta wkoll l-għeruq tal-migrazzjoni illegali, il-fatturi li jwasslu għall-migrazzjoni bħall-faqar, il-gwerer u d-dittatorjati u l-fatturi li jattiraw bħall-possibiltajiet li jinstab xogħol mhux iddikjarat fl-UE. Barra minn hekk, il-ġlieda kontra t-traffikar tan-nies trid tkun prijorità għolja għall-Unjoni, b'mod partikulari bil-għan li jingħeleb it-traffikar fil-gruppi l-iktar vulnerabbli bħan-nisa u t-tfal.

Rakkomandazzjonijiet tar-rapporteur

1. Fil-ftehimiet mar-Repubblika tal-Moldova, issir referenza għal lingwa "Moldova", fis-sentenza "Magħmula fi … fil- … ta' … tas-sena … b'żewġ kopji bil-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Moldovan, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Iżvediż, u kull wieħed minn dawn it-test huwa awtentiku bl-istess mod."

Filwaqt li ttenni l-appoġġ tagħha għall-konklużjoni u l-implimentazzjoni tal-ftehima dwar it-tħaffif tal-ħruġ tal-viżi u dwar ir-rijammissjoni u l-impenn tagħha li timplimenta id-dispożizzjonijiet tagħhom bis-sħiħ, ir-Romanija tenfasizza li l-parteċipazzjoni tagħha fil-ftehimiet imsemmija ma timplika ebda rikonoxximent ta' l-isem tal-lingwa msemmija bħala "Moldova". Ir-Rumanija ttenni li, skond il-fatti u l-evidenza xjentifika, inkluża l-interpretazzjoni ta' l-Akkademja tax-Xjenza tar-Repubblika tal-Moldova (maħruġa f'Settembru 1994), l-isem korrett tal-lingwa huwa r-Rumen.[1]

Ir-rapporteur japprova bis-sħiħ din id-dikjarazzjoni uffiċjali tad-delegazzjoni Rumena fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER) u jfakkar li l-istess dikjarazzjoni saret ukoll mill-awtoritajiet Rumeni fir-rigward *tal-Protokoll għall-Ftehima ta' Sħubija u Koperazzjoni (PCA) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgariija u tar-Rumanija għall-PCA.*[2]

Ir-rapporteur jinnota li f'kull wieħed mid-disa' ftehimiet mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, il-Kummissjoni użat il-formula iktar newtrali "Magħmula fi ... fil- ... ta' ... tas-sena ... b'żewġ kopji f'kull wieħed mil-lingwi uffiċjali tal-partijiet interessati, u kull wieħed minn dawn it-testi huwa awtentiku bl-istess mod."

Jiddispjaċih li din il-formula ntużatx fil-każ tal-ftehimiet mar-Repubblika tal-Moldova u, għall-ġejjieni, jirrakkomanda li tintuża formula newtrali bħal din fil-każ ta' kuntesti sensittivi, bħall-każ preżenti.

2. Ir-rapporteur jiddispjaċih li l-Parlament Ewropew ma kienx involut u infurmat biżżejjed, fir-rigward tal-bidu tan-negozjati u tan-negozjati ta' ftehimiet bħal dawn. Peress li jirrappreżenta liċ-ċittadini ta' l-Ewropa direttament, il-Parlament għandu rwol essenzjali fit-tisħiħ tar-responsabiltà ta' l-azzjoni esterna u tal-kontroll demokratiku ta' l-UE. Il-Kumitat LIBE jistenna li l-Kummissjoni Ewropea tipprovdi informazzjoni lill-Parlament dwar ir-riżultati ta' l-implimentazzjoni tal-ftehimiet , skond l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' koperazzjoni bona fide bejn l-istituzzjonijiet.

---

[1] **Dikjarazzjoni Uffiċjali tar-Rumanija dwar l-aħħar klwasola tal-Ftehimiet dwar il-Viżi u r-Rijammissjoni bejn il-KE u r-Repubblika tal-Moldova, inkuża fil-minuti tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2007 tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, dokument tal-Kunsill 12980/1/07 REV 1.**

[2] **Dokument tal-Kunsill 12489/07 ADD 1.**